**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Illum 16 ta' Settembru 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard C. Spiteri)**

**vs**

**Hassan Ifiguaouen**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Hassan Ifiguaouen ta' 26 sena iben Mohamed u Amina nee' Modalina imwieled Modovi Italja fil-11 ta' Jannar 1998 u detentur tal-karta ta' l-idenita' Taljana CA79475KK u/jew karta ta' l-identita' Maltija 173870ª li permezz taghhom gie akkuzat talli:

*"nhar 14 ta' Settembru 2023 f'xi hin bejn 05.25 a.m. u 05.45a.m. waqt li kont qieghed fil-kazin Ghajniselem Football Club, li jinsab fi triq J.F. De Chambray, Ghajnsielem u/jew fil-vicinanzi;*

*1. Ikkometejt serq ta' flus kontanti li l-valur taghhom ma' jaqbizx aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma' jaqbizx l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema serq hu kwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin u dan ghad-dannu ta' Gabriel Muscat u/jew persuni ohra, bi ksur tal-artikoli 261, 263, 267 u 270 tal-Kap. 9.*

*2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gewwa lqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, u xjentement, b'kull mod, indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap. 9.*

*3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbili jew immobbli, liema hsara ma' taqbizz aktar minn mitejn u hamsin ewro (€250) u li saret ghad-dannu ta' Gabriel Muscat u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal-artikolu 325(c) tal-Kap. 9."*

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha ezebiti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti ta' llum stess, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u wara li gie spjegat lilu l-piena li jgibu maghhom dawn l-imputazzjonijiet odjerni.

Rat il-verbal maghmula fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2023.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputat u in vista tad-dikjarazzjoni ta' l-Ufficjal Prosekutur fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, il-Qorti tiddikjara li qed issib lil imputat hati tal-ewwel u -tielet akkuz kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil partijiet jittrattaw dwar il-piena fl-istess seduta.

Rat li ammont sostanzjali mit-total li gie misruq gie ritoranat lil parti leza u li r-rimanenti bilanc kien ser jithallas fil-jiem li gejjin.

**Il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 261(b), ( c) u (f), 263(a), 267, 279, 278 (1) u (3), 279( a), 325(1) ( c), 20, u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddeciedi li tikkundannah ghal sentejn [2] prigunerija sospizi ghal perjodu massimu permess mill-ligi u cioe dak ta' erbgha [4] snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni stante li din kienet alternattiva ghall-ewwel wahda.**

**Tordna lill-hati iħallas is-somma ta' erba' mija u sitta u erbghin Ewro u sittin centezmi (EUR 446.60c) lil Gabriel Muscat u/jew lil John Clyde Grima sa mhux aktar tard mill-21 ta' Settembru 2023 f' nofsinhar, ai terminu tal- Artikolu 28H tal- Kapitolu 9 tal- Liġijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputat u x'jigri f'kaz li jonqos li josservha u l-imputat iddikjara li fehem ben tajjeb.**

**Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu notifikati lill-Avukat Generali ai termini tal-ligi.**

Simone Grech
Maġistrat